

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RAKKOMANDEZZJONIJIET

IL-KUNSILL

**RAKKOMANDEZZJONI TAL-MEMBRI TAL-KUNSILL LI JIRRAPPREŻENTAW L-ISTATI MEMBRI
LI GĦANDHOM BĦALA MUNITA L-EURO**

tas-17 ta' Ġunju 2022

għall-Kunsill dwar l-adozzjoni tal-euro mill-Kroazja fl-1 ta' Jannar 2023

(2022/C 238/01)

IL-MEMBRI TAL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA LI JIRRAPPREŻENTAW L-ISTATI MEMBRI LI GĦANDHOM BĦALA MUNITA L-EURO,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 140(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-rapport mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-rapport mill-Bank Ċentrali Ewropew,

Billi:

- (1) Fid-dawl tal-valutazzjoni tagħhom, il-Membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw l-Istati Membri li għandhom bħala munita l-euro huma tal-istess fehma bħall-Kummissjoni li l-Kroazja kisbet il-kompatibbiltà legali u tirrispetta l-kriterji ta' konverġenza u, b'kont meħud ukoll tal-fatturi addizzjonali, iqisu li l-Kroazja tissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-adozzjoni tal-euro.
- (2) Filwaqt li jirreferu wkoll għall-valutazzjoni tal-konverġenza magħmula mill-Kummissjoni u l-Bank Ċentrali Ewropew, il-Membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw l-Istati Membri li għandhom bħala munita l-euro jenfazzjaw ukoll l-importanza li l-impenji li ttieħdu mad-dħul fil-Mekkaniżmu tar-Rati tal-Kambju II jitlestew b'suċċess u jissottolinjaw li jeħtieġ li l-linji ta' politika jkunu għal kollox orjentati biex tintlaħaq l-isfida li tinżamm konverġenza sostenibbli, u b'mod partikolari konverġenza tal-inflazzjoni, tal-ekonomija Kroata għal tul ta' żmien. Għal dan il-għan, huma jħeġġu lill-awtoritajiet Kroati biex ikomplu jseguw politika fiskali li timmira biex tinkiseb pożizzjoni fiskali prudenti fuq perjodu ta' żmien medju u li jipproċedu bl-implimentazzjoni tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza tal-Kroazja, sabiex jiżguraw li l-parteċipazzjoni fiż-żona tal-euro tirnexxi.
- (3) Il-Membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw l-Istati Membri li għandhom bħala munita l-euro jistennu li l-Kroazja tikkooopera b'mod kostruttiv f'materji li jagħmlu parti mill-governanza tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà, il-ġestjoni tal-kriżijiet fiż-żona euro u t-tweġiq tal-istruttura tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja,

B'DAN JIRRAKKOMANDAW LILL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

Id-deroga fir-rigward tal-Kroazja skont it-tifsira tal-Artikolu 139(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea kif imsemmija fl-Artikolu 5 tal-Att ta' Adeżjoni tal-2012 ⁽¹⁾ għandha titfassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2023.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-17 ta' Ġunju 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
B. LE MAIRE

⁽¹⁾ ĠUL 112, 24.4. 2012, p. 21.